## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 t' April, 2021**

**Talba Nru: 158/2020PM1**

**Rimus Trading Agency Limited (C20020)**

**Vs**

**Matthew De Giorgio (ID 66778(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hmistax (15) ta' Lulju, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mija u sebgha u tmenin euro u wiehed u erbghin centezmi (€2187.41) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut u dana bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 422/20 flimkien mal-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-21 t' April, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-21 t' April, 2021 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. A tenur tal-art. 1141(2) tal-**Kodici Civili** u fin-nuqqas ta' prova dwar in-natura kummercjali tad-debitu, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-kawza odjerna u cioe` mill-21 ta' Jannar, 2021.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elfejn, mija u sebgha u tmenin euro u wiehed u erbghin centezmi (€2187.41) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut u dana bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 422/20 flimkien mal-imghax mil-21 ta'Jannar, 2021 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**